# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA

**Edizzjoni Nru. 1**
**Awissu - Settembru - Ottubru 2004**

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt




## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Anthony Bonnici*



Kull min hu midħla tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina jista' jikkonferma li f'dawn l-aħħar 15-il sena s-Soċjetà tagħna kibret ħafna f'kull aspett speċjalment fin-numru u l-livell t'attivitajiet li twettaq. Dan hu dovut għan-nies ferm iddedikati, kemm fit-tmexxija u kif ukoll fit-twettiq ta' l-inizzjattivi kollha li jittieħdu. Dawn l-inizzjativi jkopru firxa wiesa' u taħlita t'attivitajiet f'kull qasam, sew fil-kostruzzjoni, banda, armar, nar, festa, kultura u anke soċjali.

Jiena nemmen li fattur importanti li għen ħafna sabiex is-Soċjetà tagħna kompliet tikber u tissaħħaħ b'dan il-mod hu dovut għall-ħolqien ta' numru ta' sotto kumitati li twaqqfu matur is-snin u li llum kollha laħqu ċertu livell ta' maturità. Illum is-Soċjetà tgawdi mill-ħidma tas-sotto kumitati permanenti bħal dak tan-Nisa, taż-Żgħażagħ, tal-Banda, ta' l-Armar u tan-Nar. Ma' dawn jingħaqdu sotto kumitati temporanji li minn żmien għall-ieħor jitwaqqfu sabiex iwettqu xi biċċa xogħol partikulari.

F'dawn l-aħħar snin is-Soċjetà tagħna kompliet tissaħħaħ ukoll b'numru dejjem jikber ta' membri, li jgħinu finanżjarjament u moralment bil-parteċipażżjoni tagħhom fl-attivitajiet li jiġu organiżżati. Irrid insemmi ukoll il-Kids Club li jagħti l-opportunità lit-tfal żgħar tagħna sabiex jieħdu l-ewwel togħma tajba tas-Soċjetà sabiex fihom niżirgħu dik l-imħabba lejn il-Patruna tagħna Santa Katarina u lejn is-Soċjetà li bi kburija ġġib isimha.

Filwaqt li l-ħidma tas-Soċjetà sa ftit snin ilu kienet limitata biss għall-festa u forsi xi fiera kultant, illum għandna kalendarju t'attivitajiet dejjem jikber. Illum bilfors irridu nippjanaw sewwa l-inizjattivi li jieħdu dawn is-Sotto Kumitati u kultant il-Kumitat Ċentrali jkollu biċċa xogħol kbira sabiex dawn ikunu organizzati sewwa u li ma nidħlux fuq xulxin. Għalija dan kollu ifisser li l-ġenerazzjoni tagħna mhux biss laqgħat u għożżot dak li wirtet minn għand missirijietna, iżda tista' tiftaħar u tgħid li kabbret dan il-wirt għal mitt darba.

F'dawn iċ-ċirkostanzi pożittivi għall-aħħar ħassejna li wasal iż-żmien sabiex is-Soċjetà tagħna tkompli tikkonsolida l-pożizzjoni tagħha billi jkollha l-ġurnal tagħha, li permezz tiegħu intejbu l-mezz ta' komunikazzjoni mal-membri. Irrid ngħid li anke din l-inizzjattiva hi ta' min ifaħħarha għax żgur li żżomm lill-membri aktar infurmati bil-ħidma kontinwa u ma jkollhomx għalfejn iktar jistennew il-programm tal-festa sabiex jiġu aġġornati fuq ħidmet is-Soċjetà. Jiena ċert li dan il-ġurnal ta' kull tliet xhur se jġib lis-Soċjetà u l-membri tagħha aktar qrib xulxin. Ninsab fiduċjuż li dan il-ġurnal se jgħin sabiex inkomplu nkabbru n-numru ta' membri u li dawn il-membri se jkomplu jżidu l-fiduċja tagħhom fis-Soċjetà. Dan il-pass għalhekk għandu jkompli jgħin ukoll sabiex flimkien inkomplu naħdmu aktar għal ġieħ tal-Patruna tagħna Santa Katarina.

Nawgura li dan il-ġurnal ikun dejjiemi u li jilħaq l-iskopijiet primarji tiegħu. Inħossni tassew kburi li messitni din ix-xorti li nkun il-President ta' Soċjetà daqstant dinamika fejn flimkien naħsdu suċċess wara l-ieħor. Nappella lil dawk kollha responsabbli minn dan il-ġurnal sabiex ikomplu jxerrdu d-devozzjoni lejn Santa Katarina u li jfittxu li jużawh dejjem kif jixraq fi spirtu ta' għaqda, mhux biss bejn il-membri tagħna u dawk li jissimpatizzaw mal-fehmiet tagħna, iżda wkoll għaż-Żrieraq kollha.

Santa Katarina Verġni u Martri Patruna taż-Żurrieq nitolbuk tberikna.




*Caravaggio - Santa Caterina d'Alessandria/St. Catherine of Alexandria*




## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Editriċi: | Darmanin Lorna |
| Assistenta Editriċi: | Sammut Anna Maria |
| Rappreżentanta Sezzjoni Nisa: | Camilleri Anna |
| Rappreżentant Fratellanza tas-Sagrament: | Camilleri Moses |
| Website Designer: | Cassar Alan |
| Rappreżentant Sezzjoni Armar: | Darmanin Joey |
| Rappreżentant Sezzjoni Nar: | Farrugia Emanuel |
| Rappreżentant Kummissjoni Banda: | Farrugia Richard |
| Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ: | Schembri Kevin |


# Editorjal

*Is-Sinjura Lorna Darmanin - Editriċi*

Ħbieb, inħossni ferm onorata li qed niktbilkom kelmtejn f'din l-ewwel edizzjoni tal-gazzetta Sancta Catharina, Zurricanorum Patrona. Inħasset il-ħtieġa b'mod ġenerali li tibda' tinħareġ din il-gazzetta nformattiva mis-Soċjetà tagħna sabiex inżommu kuntatt dirett magħkom il-membri filwaqt li ninfurmawkom kemm dwar ix-xogħol li jkun qed isir fil-każin, kif ukoll dwar l-attivitajiet li jiġu organizzati minn żmien għal żmien fi ħdan kull sezzjoni u kumitat tal-Każin Santa Katarina V.M. Wara ħafna xogħol u diskussjoni, ħloqna dan il-fuljett li se jibda joħroġ kull tliet xhur, u nisperaw jintlaqa' tajjeb mingħandkom.

Primarjament, iżda, din il-gazzetta għandha sservi ta' pont bejn il-kumitati u l-membri tas-Soċjetà. Għalhekk, ninkoraġġikom tiktbuli biex tagħtuni xi suġġerimenti, ilmenti, ritratti jew artikli nteressanti dwar Santa Katarina sabiex inkunu nistgħu nippublikawhom u hekk inkunu nafu x'taħsbu intom dwar il-gazzetta stess, dwar l-attivitajiet tal-każin u dwar il-festa in ġenerali. Barra minn hekk, kull min jixtieq jagħmel xi avviż fil-gazzetta għandu jikkuntatjana minnufih. Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk:

**L-Editur, Sancta Catharina, Zurricanorum Patrona,**
**Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M.,**
**Palazz Alexandria, 37, Misraħ Repubblika, Żurrieq.**

Fl-aħħar nett, nixtieq nirringrazzja lill-bord editorjali u lill-kumitati kollha fi ħdan il-Każin Santa Katarina ta' l-appoġġ li mingħajru din il-gazzetta ma setgħetx tkun possibli. Il-Bord Editorjali jixtieq ukoll jawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd.

## Appell

1. Matul il-jiem tal-Festa titulari nieħdu sehem aktar waqt il-funzjonijiet reliġjużi li jsiru f'ġieħ il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. Inħeġġu lil kulħadd biex jersaq lejn is-Sagramenti tal-qrar u t-tqarbin. 2. Infakkru lill-fratelli tal-Konfraternità tas-Sagrament u tal-Qalb ta' Ġesù biex jattendu għat-translazzjoni s-Sibt 4 ta' Settembru 2004 fil-5.45p.m. u għall-purċissjoni l-Ħadd 5 ta' Settembru 2004 fis-7.15p.m. 3. Nappellaw liż-Żrieraq biex iqiegħdu xbiehat ta' Santa Katarina V.M. mal-faċċata tad-dar matul il-jiem tal-festa titulari. Nawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

**Isimgħu Radju Santa Katarina V.M. fuq 90.6FM Stereo fil-ġranet tal-Festa**


value for money
friendly staff
nicholsons
shopping experience
PRICES & SERVICE
offers you the right mix
Tel: 2142 3029 ATTARD



# Rokna għan-Nisa

Anna Camilleri

Għeżież membri,

Qiegħda nikteb għall-ewwel darba f'isem il-Fergħa Nisa f'din il-gazzetta u ser nibqa' nkun magħkom kull tliet xhur sabiex inżommu lilkom membri nisa aġġornati ma' l-attivitajiet li aħna regolarment norganizzaw fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

Bħal ma tafu aħna nagħmlu attivitajiet soċjali u ta' fund raising. Norganizzaw Coffee Mornings, High Teas u Get Togethers fil-Każin u anki f'postijiet oħra madwar Malta. Aħna nippruvaw nagħmlu xi attività kull xahar. Hawn jien inħeġġeġ aktar nisa biex jattendu u anke jġibu 'l ħbiebhom għax żgur li jieħdu pjaċir u fl-istess ħin inkunu qegħdin ngħinu lis-soċjetà tagħna.

Issa li l-festa tal-Patruna tagħna ż-Żrieraq, Santa Katarina V.M., qiegħda toqrob, bħal kull sena se norganizzaw il-pellegrinaġġ li hu tant għal qalb id-devoti ta' Santa Katarina. Din is-sena dan se jsir il-Ġimgħa 13 t'Awissu u din id-darba se mmorru fil-Hotel San Pawl. Għalhekk aħsbu kmieni għall-biljetti.

Dwar l-attività t'Ottubru din se titħabbar aktar tard għalhekk oqogħdu attenti għall-posters li se nagħmlu fil-ħwienet. Il-Fergħa Nisa torganizza lotterija mal-prima; waħda kull ġimgħa u oħra kull ħmistax. Jekk hemm xi ħadd li jrid jibda jieħu xi numru għandu javviċina lil xi membru tal-kumitat.

Issa li l-festa qiegħda toqrob aħna nieħdu ħsieb it-tindif u l-ħasil tal-każin. Kif tafu l-każin tagħna sar kbir mhux ħażin u din is-sena reġa' sar ħafna xogħol ta' kostruzzjoni. Għalhekk nixtieq nitlobkom sabiex min jista' jgħin fit-tindif javża lil xi membru tal-Fergħa Nisa. Bħala opri ġodda din is-sena l-membri tal-Fergħa Nisa ħadu ħsieb fost affarijiet oħra l-ħjata tal-bandiera l-kbira li se tiżżanżan fuq l-arblu l-kbir tas-Soċjetà, kif ukoll standard. Filwaqt li nirringrazzjakom tal-koperazzjoni li dejjem sibna mingħandkom, nerġa' nħeġġigkom sabiex tattendu għall-attivitajiet li norganizzaw u nawguralkom il-festa t-tajba u Santa Katarina V.M. tkompli tħarisna u tberikna.



*Attività tal-Milied għall-Anzjani*

# Sezzjoni Nar

Emanuel Farrugia

Għalkemm l-attività primarja tas-sezzjoni tagħna hi li nsebbħu l-festa titulari bi spettaklu piroteknu mill-aqwa, ilkoll kemm intom tafu li jsiru bosta attivitajiet ta' fund raising tul is-sena kollha peress li x-xogħol tan-nar jiswa ħafna flus, barra mix-xogħol volontarju u dedikazzjoni kbira mill-membri tagħna. Dan kollu jissarraf fi prodott finali professjonali u li jintlaqa' tajjeb minn kulħadd. Din is-sena b'mod partikolari ntroduċejna 'Country Nights' fil-Każin stess, li għalihom kien qed ikun hemm konkorrenza numeruża. Dawn barra ikliet oħra li saru minn żmien għal żmien. Barra minn hekk, din is-sena ħadna wkoll sehem fil-Festival tan-Nar fil-Port il-Kbir ġewwa l-Belt Valletta li sar fit-8 u d-9 ta' Mejju 2004. Nixtieqtu wkoll infakkrukom fl-arbular għan-nar li bħal kull sena jsir f'dawn iż-żminijiet. Kull kontribuzzjoni, żgħira jew kbira, hija apprezzata. Il-programm tan-nar li se jinħaraq matul il-festa, kollu maħdum mid-dilettanti tas-Soċjetà tagħna, tistgħu tarawh fil-programm tal-festa. Nixtieqtu wkoll ninfurmawkom li bħal kull sena se jsir il-Barbeque tan-Nar ġewwa Bubaqra, Sibt fuq il-festa titulari. Tħallux għall-aħħar għax il-postijiet huma limitati. Grazzi tas-sapport li dejjem urejtu magħna u l-festa t-tajba lil kulħadd.

*Xogħol tan-Nar ta' matul is-sena*









L-Arma tat-Trofej il-ġdid

# Sotto Kumitat Armar

*Joseph Darmanin*

Bħala Sotto Kumitat ta' l-Armar nixtiequ wkoll inwasslu leħenna permezz ta' dina n-newsletter. Bla dubju ż-żewġ proġetti prinċipali ta' dis-sena huma t-trofej u l-maħżen. It-13-il trofej huma lesti minn kollox u għalhekk se jiġu inawgurati fil-ġranet tal-festa. Kulħadd se jkollu ċ-ċans jammira x-xogħol kbir li sar.

Fil-maħżen sar xogħol estensiv ukoll mill-membri tas-soċjetà, fejn poġġejna tliet soqfa u tellajna żewġ sulari, grazzi għall-għajnuna u l-kontribuzzjonijiet tagħkom. Se tkompli wkoll il-ġabra għall-maħżen li nbdiet fis-sena 2003.

Inħeġġu biex min jixtieq itella' l-arbli ma jħallix għall-aħħar. Kulħadd jaf kemm inkunu mħabbtin għalhekk nitolbu li min jixtieq javviċinana biex intellgħulu l-arblu ma jagħmilx dan aktar tard mit-8 t'Awissu 2004. Fl-istess ħin inħeġġu biex jittellgħu tubi, VSK, bandieri żgħar eċċ tul ix-xahar kollu tal-festa, u ma jonqsux bandieri, festuni, liedna mal-faċċati u xbihat ta' Santa Katarina V.M. tul il-ġranet tal-festa. Nitolbu wkoll l-għajnuna tagħkom tul il-ġranet ta' l-armar. Bil-kuraġġ ta' xulxin żgur ikun hemm inqas tbatija. B'iktar għajnuna jkollna aktar ħeġġa u saħħa biex inkabbru l-festa tagħna. Għalhekk se jkun hemm programm ta' fejn se jintrama tul dawn il-ġranet fuq in-notice board tas-sala tal-bar. B'hekk ikun aktar faċli li wieħed ikun jaf fejn se narmaw dik il-ġurnata. Biex inkomplu nnaqqsu mit-tbatija se jinxtara high-up mill-Kumitat Ċentrali, għall-użu tal-membri tul il-ġranet ta' l-armar u tal-festa. Kull kontribuzzjoni hija milqugħa.



Il-faċċata tal-Maħżen il-ġdid

Bħal dejjem, l-attivitajiet ma jifqux. Permezz ta' din il-gazzetta nagħtukom aktar dettalji 'l quddiem. Kull attività jsirilha poster li jeħel fuq in-notice board tal-Każin. Nitolbu wkoll koperazzjoni billi sew aħna u anke ma nħallux lil min jagħmlilna ħsara ma' l-armar. Ix-xogħol hu kbir u l-ispejjeż ikbar. Kulħadd għandu jkun responsabbli u jwissi lil min ikun qed jagħmel ħsara fl-armar. Meta tarma trid ukoll iżżarma u terfa' għal sena oħra. Nitolbukom ukoll l-għajnuna tul dan iż-żmien.

Għall-ewwel darba se ssir kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata mżejna u għall-isbaħ statwa mżejna tul il-ġranet tal-festa. Applikazzjonijiet u aktar dettalji mill-każin. L-ewwel tliet rebbieħa jingħataw 'trophy'. Fl-aħħar nett nixtiequ nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

## L-Arkivju - Proġett ikkummissjonat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti

Wara ftit snin ta' stennija din is-sena se jiġi mżanżan l-arkivju tal-Banda Santa Katarina V.M., disinn oriġinali tas-Sur Salvu Bugeja, karpinterija tas-Sinjuri Charlie u Martin Schembri u skultura tas-Sur Salvu Bugeja nnifsu. Proġett uniku f'pajjiżna li żgur se jiġbed l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Il-ftuħ uffiċjali se jkun nhar is-Sibt 21 t'Awissu, fejn miegħu se tiġi mżanżna s-sala meraviljuża li ġiet rinovata din is-sena u li flimkien żgur se jagħmlu unur lis-Soċjetà tagħna u lil raħalna. Għalhekk nistiednu lill-membri u lil dawk kollha li kkontribwew għal dan il-ftuħ uffiċjali.



Pjanta ta' l-Arkivju l-ġdid



Is-Sala Ġużeppi Gauci

# Attivitajiet tal-Banda



*Il-Banda Santa Katarina V.M. ġewwa l-Italja*

**Mit-Tlieta 6 ta' Lulju sat-Tnejn 12 ta' Lulju 2004**
Mawra tal-Banda Santa Katarina V.M. ġewwa l-Italja.

**Is-Sibt u l-Ħadd 14 u 15 t'Awissu 2004**
Programm u marċ il-Qrendi - Festa Santa Marija.

**It-Tnejn 16 t'Awissu 2004**
Marċ ġewwa B'Kara - Festa Sant' Elena.

**Is-Sibt 21 t'Awissu 2004**
Programm għall-inawgurazzjoni ta' l-Arkivju u tas-Sala Rinovata u l-anniversarju tal-140 Sena mit-twaqqif tas-Soċjetà.

**Il-Ħadd 22 t'Awissu 2004**
9.15p.m. Marċ f'Bubaqra għall-Festa ta' Santa Marija.

**Attivitajiet Relatati mal-Festa Titulari taż-Żurrieq**

**Il-Ħadd 29 t'Awissu 2004**
7.15p.m. Il-Banda ddoqq innijiet fuq iz-zuntier waqt il-ħruġ tal-vara min-niċċa u wara fit-8.30p.m. tagħmel marċ mat-toroq tar-raħal.

**Il-Ħamis 2 ta' Settembru 2004**
8.45p.m. Marċ qasir minn Triq il-Kbira sa Pjazza Repubblika u wara programm vokali u strumentali fuq il-planċier, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur F. Falzon.

**Il-Ġimgħa 3 ta' Settembru 2004**
Marċ Strada Rjali l-Belt Valletta flimkien mal-banda Taljana Filarmonica Pietro Mascagni sal-Palazz tal-President.

*Richard Farrugia*



9.00p.m. Marċ bid-dimostrazzjoni ta' l-istatwa ta' Santa Katarina fejn fl-aħħar tittella' fuq pedestall bid-daqq ta' l-Innu Semma Poplu.

**Is-Sibt 4 ta' Settembru 2004**
Fl-10.30a.m. jibda l-marċ tat-Te Deum minn quddiem il-Knisja u jgħaddi minn diversi toroq tar-raħal fejn fis-2.30p.m. jispiċċa fi Pjazza Repubblika.

**Il-Ħadd 5 ta' Settembru 2004**
8.30a.m. Il-Banda Santa Katarina V.M. twassal liċ-ċelebrant ewlieni tal-festa b'daqq ta' marċi minn Triq Dun. Ġ. Zammit sad-dar ta' l-Arċipriet fi Pjazza Repubblika.
11.00p.m. Marċ tan-Nar minn Triq Pietru Pawl Saydon sa Pjazza Repubblika.

**Il-Ħadd 26 ta' Settembru 2004**
6.15p.m. Il-Banda Santa Katarina V.M. tieħu sehem fil-Festa ta' Santa Katarina V.M. ġewwa d-Daħla r-Rabat.

**Il-Ħadd 3 ta' Ottubru 2004**
7.00p.m. Jibda marċ minn Triq il-Kbira sa Pjazza Repubblika, fejn wara jsir programm fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tar-Rużarju.

**AVVIŻI:** Tul is-sena jsir kunċert fil-ġimgħa u meta toqrob il-Festa jsiru 2 fil-ġimgħa.

Nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.45am isiru l-lezzjonijiet ta' l-istrumenti ta' l-injam mis-Surmast Mro. F. Falzon.

Nhar ta' Ħamis mill-4.30p.m sas-6.00p.m. isiru l-lezzjonijiet tar-ramm minn Mro. M. Testa.

Kull min jixtieq jingħaqad mal-Banda Santa Katarina V.M. jista' javviċina lis-Surmast jew lid-Delegati tal-Banda.

Sezzjoni Żgħażagħ Santa Katarina V.M. tippreżenta
**BBQ**
Nhar is-Sibt 7 t'Awissu 2004




Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti tippreżenta
**LEJLA MALTIJA GRANDJUŻA**
is-Sibt 28 t'Awissu 2004
Programm varjat akkumpanjat minn spettaklu tan-Nar ta' l-Ajru. Se jkun hemm ikel tipikament Malti.

**MARĊI BRIJUŻI BIL-KANT**
kantati minn Stephen Mizzi.
Cds u Casettes se jkunu għall-Bejgħ mill-Każin

**50% OFF**
Fuq il-Gerijiet tal-Festa.
Flokk Lm4.50 minflok Lm9.
Xorts Lm2.00 minflok minflok Lm4.



# Nota Amministrattiva

*Mis-Segretarju - Josef Cachia*

■ Kull ma jmur, is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq qiegħda tikber u kien għalhekk li nħasset il-ħtieġa li tibda tinħareġ din il-gazzetta biex inkunu dejjem aktar qrib il-membri, l-benefatturi u l-partitarji.

■ Propju din is-sena s-Soċjetà qiegħda tiċċelebra il-140 Anniversarju mit-twaqqif tagħha u fost l-organizzazjoni li ssir, din is-sena qed jiġu organizzati diversi attivitajiet biex ifakkru dan l-avveniment.

■ Nhar is-6 ta' Lulju 2004 - 141 persuna ffurmati minn 55 Bandist flimkien mas-Surmast Direttur tal-Banda Mro. Francis Falzon, 11-il membru tal-Kumitat, il-Presidenti Onorarji u partitarji tas-Soċjetà telqu lejn l-Italja għall-bidu ta' ġemellaġġ Mużikali fuq stedina ta' "La Filarmonica Pietro Mascagni" mill-villaġġ ta' Camporgiano fil-provinċja ta' Lucca. Il-Banda Santa Katarina ddebuttat f'dan il-ġemellaġġ nhar il-Ġimgħa 9 ta' Lulju fejn għamlet marċ madwar it-toroq ta' Camporgiano. Is-Sibt 10 ta' Lulju l-Banda ppreżentat programm mużikali fi 'Piazza del Centinario' fejn ġiet milqugħa b' applawsi kbar minn dawk kollha preżenti. Il-Ħadd 11 ta' Lulju, l-Banda reġgħet kienet impenjata b'marċ ta' tislima quddiem l-uffiċju tas-Sindku ta' Camporgiano fejn hemm il-Kumitat kellu laqgħa mportanti ħafna. L-okkażjoni li għaliha l-Banda kienet mistiedna hija 'Rassegna Musicale' li tiġi organizzata f'dan ir-raħal ta' kull sena. Din is-sena kienet is-26 edizzjoni ta' dawn il-laqgħat tal-baned fejn minbarra l-Banda Santa Katarina u Filarmonica P. Mascagni ħadu sehem ukoll 2 baned oħra Taljani. It-tieni parti ta' dan il-ġemellaġġ ser isseħħ fiż-Żurrieq bil-parteċipazzjoni ta' La Filarmonica P. Mascagni fil-Festa tal-Patruna tar-raħal tagħna Santa Katarina V.M.

■ Nhar il-Ħamis 5 t'Awissu huwa xahar qabel il-Festa ta' Santa Katarina fejn kif isir kull sena, fil-Każin ser issir attività għal kulħadd fit-8:00pm bil-pateċipazzjoni ta' diversi kantanti. Nħeġġukom sabiex f'din il-ġurnata kulħadd itella' l-bandiera u l-fistun.

■ Kunċert Mużikali mill-Banda Santa Katarina V.M. taħt id-direzzjoni tas-Surmast Francis Falzon, ser jiġi ppreżentat nhar is-Sibt 21 t' Awissu 2004 f'Misraħ Repubblika fl-okkażjoni tal-140 Anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà. F'din l-okkażjoni ser jiġi nawgurat l-Arkivju tal-Banda Santa Katarina V.M. kif ukoll ser isir it-tberik tax-xogħlijiet kollha li saru fis-sede tas-Soċjetà li ilhom għaddejjin tul dawn l-aħħar 14-il sena.

■ Il-Festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. tibda nhar il-Ħadd 29 t'Awissu bil-ħruġ ta' l-Istatwa min-niċċa bil-parteċipazzjoni tal-Banda Santa Katarina, fejn matul din il-ġimgħa ta' Festa wieħed ikun jista' jgawdi dak kollu li ġie ppreparat matul din is-sena. Wieħed ma jistax jonqos ukoll milli jattendi l-Funzjonijiet Liturġiċi li jiġu ċċelebrati fil-Knisja Matriċi u Arċipretali ddedikata lil Santa Katarina ta' Lixandra Verġni u Martri.

■ Radju Santa Katarina li jxandar mill-Każin fuq '90.6 FM stereo' ser ikun magħkom għat-tielet sena konsekuttiva fejn kif sar fis-sentejn li għaddew ser ikun qed iwassal informazzjoni, xandiriet diretti kemm mit-toroq tar-raħal kif ukoll il-Funzjonijiet Liturġiċi kollha. Dan jista' wkoll ikun segwit fuq l-internet, kemm fuq is-sit tas-Soċjetà - www.stcatherineband.org.mt kif ukoll fuq www.di-ve.com .

■ Kif wieħed seta' jsegwi tul dawn l-aħħar snin, is-Soċjetà kienet għaddejja minn xogħlijiet kbar fil-kostruzzjoni tal-Każin u f'din l-aħħar sena naghtat dehra differenti lill-Bar tal-Każin. Hawn nappellaw sabiex aktar minn qabel nibżgħu għal dan ix-xogħol li sar b'sagrifiċċju ta' ħafna voluntiera u li għalih inħarġu ammonti kbar ta' flus li nġabru mill-membri u l-benefatturi tas-Soċjetà. Nawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

EL PARAISO
Street Party
Friday 27th August 2004
Dj.'s Banana, Lino, Maze & on public demand
Pierre Cordina & Junior B.
PALMISTI
Promotions

PALACE ARENA
@ ST. CATHERINE
BAND CLUB ŻURRIEQ
Now you can watch the main Serie A and English Premier League as well as Champions League Football Games on a Big Screen. A Unique Youth Atmosphere.
INTERNET CAFÈ - AMUSEMENT MACHINES - BIG SCREEN



# Għan ieħor milħuq

*Mid-Direttur - Francis Cachia*



*Uħud mix-xogħlijiet li saru fis-Sala Ġużeppi Gauci*

Fil-ħajja tal-bniedem ikun hemm ħafna bżonnijiet. Fil-fatt matul is-sena ssir manutenzjoni kontinwa sabiex intejbu l-istrutturi tas-Soċjetà tagħna u nieħdu ħsieb il-bżonnijiet kontinwi li soċjetà hekk kbira jkollha ta' kuljum. Xogħol kontinwu u bla waqfien li jsir mill-voluntiera b'tant dedikazzjoni u sagrifiċċju.

Ix-xogħol li jsir mhux sempliċiment manutenzjoni, iżda l-ħidma li ssir tmur lil hinn u hija msarrfa f'bosta proġetti li saru f'dawn l-aħħar snin. Il-Każin għalkemm żamm il-karatteristiċi oriġinali tiegħu nistgħu ngħidu li tbiddel minn lejl għal nhar.

Il-parti ta' wara tal-Każin inbidlet kompletament fejn insibu sala ġdida. Ġiet imtejjba l-area tal-bar u s-sala tal-billiard. Barra minn hekk sar xogħol estensiv fuq is-sala Ġużeppi Gauci, sala li se tkun il-ġawhra tal-Każin tagħna u li se tilqa' fiha l-arkivju tas-Soċjetà. Ħidma u xogħol kontinwu li jagħmel il-Każin tagħna palazz maestuż. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-voluntiera tal-kontribut li jagħtu matul is-sena, filwaqt li nistedinkom tiġu u tammiraw b'għajnejkom it-tibdil li qiegħed isir.

# L-Eġittu



L-Eġittu huwa l-pajjiż fejn twieldet Santa Katarina. Il-belt kapitali ta' l-Eġittu hija l-Kajr. Belt oħra popolari ħafna fl-Eġittu hija Lixandra, fejn kienet tgħix Santa Katarina.

Illum il-Belt ta' Lixandra saret l-akbar port fl-Eġittu. Fl-Eġittu hemm joqgħodu madwar 40 miljun persuna. L-Eġittu hu famuż ukoll għall-Piramidi. Dawn kienu jibnew biex iservu ta' oqbra għall-Farawni, li kienu s-slaten tal-qedem ta' l-Eġittu. Fl-Eġittu nsibu ukoll il-Kanal ta' Suez. Dan jgħaqqad il-baħar Mediterran mal-kumplament tad-dinja u jintuża ħafna għall-kummerċ bil-baħar.

Sfortunatament fl-Eġittu ma tantx tagħmel xita. Il-parti kbira tal-pajjiż hija deżert. Fil-fatt l-agrikoltura ta' l-Eġittu tiddependi biss mix-xmara Nil. Għalkemm fil-Belt tal-Kajr insibu ħafna bini modern, ħafna Eġizzjani li jgħixu fi bliet oħra għadhom jgħixu f'ħafna faqar.

# Għalina t-Tfal

*Anna Maria*

Kif intom tfal? Aħna ma nsejniekomx u ħsibna ukoll biex f'din il-gazzetta tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. nagħmlu artikli u logħob għalikom. Tajjeb sejrin fil-vaganzi? Il-granet malajr qed jgħaddu u dalwaqt tasal il-festa tagħna. Importanti li tieħdu sehem bi ħġarkom fil-festa; kemm fl-attivitajiet tal-Knisja kif ukoll waqt il-marċi. F'kull gazzetta intom se issibu xi nformazzjoni nteressanti kif ukoll kompetizzjoni. Illum iddeċidejt li nkellimkom dwar l-Eġittu, l-pajjiż li fih għexet Santa Katarina V.M. Xi snin ilu, grupp sabiħ ta' nies miż-Żurrieq marru l-Eġittu u żaru l-postijiet qaddisa li fihom għexet Santa Katarina. Għandkom ukoll xi mistoqsijiet. Mistoqsija minnhom hi daqxejn diffiċli u tridu tfittxuha intom ir-risposta. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz: *"Kompetizzjoni għat-Tfal", Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq*. Tistgħu tirbħu rigal sabiħ. Niltaqgħu darb'oħra! Komplu gawdu l-vaganzi!

1. Liema hi l-Belt Kapitali ta' l-Eġittu?
2. X'kienu jissejħu s-Slaten ta' l-Eġittu?
3. Meta nfetaħ il-Kanal ta' Suez?

## Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti - Żurrieq

### TUBI ĦOMOR SPEĊJALI

Biex nuru l-vera saħħa tal-Palmisti ixtri tubu aħmar speċjali li jidher ferm aktar minn tubu aħmar normali. It-tubi jistgħu jinxtraw mill-Bar tal-Każin Banda Santa Katarina V.M.

**IMPORTANTI:** Matul ix-xahar ta' qabel il-festa nappellawkom sabiex ittellgħu tubi u bnadar ħomor, kif ukoll rope lights ħomor ma' l-arbli tad-djar.



L-Ewwel Parti

# Il-Qima u l-Imħabba lejn Santa Katarina ta' Lixandra

Meta l-Papa Ġwanni Pawlu II żar l-Eġittu fi Frar 2000, fid-diskors li għamel mal-wasla tiegħu fil-Kajr quddiem il-President Eġizzjan Mubarak, il-Patrijarka Kapt Stephanos, ix-Xejk Musulman Mohammed Sayed Tantawi, u l-poplu Eġizzjan, irrefera għal Santa Katarina ta' Lixandra bħala waħda mill-qaddisin kbar ta' l-Eġittu. Żied jgħid ukoll li l-fama tagħha għadha ħajja fil-qima ta' l-Insara u fl-isem ta' ħafna knejjes fil-pajjiżi tad-dinja.



Il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katarina V.M. Żurrieq fil-Festa tal-Patruna tagħha

Dak li qal il-Papa fuq il-qaddisa patruna tagħna Santa Katarina ta' Lixandra, qanqal lis-Soċjetà tagħna toddedika paġna minn din ir-rivista għar-riċerka fuq din il-qima lejn Santa Katarina fid-diversi pajjiżi tad-dinja, bl-iskop li nkomplu nħeġġu fina din l-imħabba lejn il-Qaddisa Maħbuba. F'dan l-ewwel artiklu għażilna, kif inhu xieraq, li nitkellmu fuq il-qima u l-imħabba lejn Santa Katarina f'Malta. Kif daħlet id-devozzjoni lejn Santa Katarina ta' Lixandra f'Malta? Hawn min issogra jgħid li l-qima lejn Santa Katarina daħlet f'Malta fi żmien il-Biżantini. Iżda fuq dan iż-żmien ta' Malta Nisranija (seklu 4 - seklu 9) ftit li xejn nafu. Nafu li Malta kienet djoċesi u nafu żgur bi tliet isqfijiet Ġuljanu, Luċillu u Trajanu. Nafu wkoll li xi patrijiet Biżantini kienu jgħixu fostna aktarx f'Tas-Silġ Marsaxlokk fejn anke kellhom il-knisja tagħhom. Għandna wkoll tifkiriet Biżantini fl-Imdina (minn taħt il-Villa Rumana sal-Bieb tal-Griegi u l-misraħ ta' warajh u xi kliem fil-Liturġija attribwit lil din l-epoka, fosthom 'Lapsi', 'Kuċċija', 'Miru'.... Iżda l-istorja għadha fid-dlam biex insibu xi nformazzjoni f'dan ir-rigward.

Żgur li l-qima lejn Santa Katarina daħlet mal-mewġa ta' rikriztjanizzazzjoni tal-gżejjer Maltin wara li dawn kienu taħt l-Għarab għal diversi sekli. Kien l-Imperatur Federiku II li fis-seklu 13 beda dan il-proċess ġdid ta' latinizzazzjoni. Lejn l-1270 Malta kienet diġa' saret djoċesi organizzata anke jekk kienet marbuta ma' Palermo. Fl-1436 jissemmew 12-il 'cappelle' jew parroċċi, fir-rollo ta' Senatore de Mello, liema parroċċi aktarx li twaqqfu fl-ewwel żmien tat-tieni nofs tas-seklu 14 (c.1350-1370) u tnejn minn dawn kienu l-parroċċi taż-Żurrieq u taż-Żejtun, it-tnejn b'Patruna lil Santa Katarina ta' Lixandra.



Il-Papa Ġwanni Pawlu jqim lil Santa Katarina V.M.

Ma ninsewx ukoll li f'dan l-istess seklu 14 kien hemm fuq it-tron ta' Pietru l-Papa Ġwanni XXII (1316-1334) li b'imħabba kbira li kellu lejn Santa Katarina kien ordna li kull knisja kellha jkollha xbieha jew altar tal-qaddisa. Il-qima u l-imħabba lejn Santa Katarina ta' Lixandra ma waqfitx hawn anzi kibret u xterdet sew ma' Malta kollha tant li fl-1575 meta d-delegat appostoliku u inkwiżitur Mons Pietro Duzina żar l-elenka tal-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex sab li Santa Katarina kienet l-iktar qaddisa mara popolari fil-Gżejjer Maltin bi knejjes jew kappelli ddedikati lilha: tnejn fir-Rabat, knisja f'Għawdex, fin-Naxxar, f'Birkirkara, fis-Si[[iewi, f'Ħal Qormi, f'Bir Miftuħ, fl-Imqabba, fil-Gudja, f'Ħal Lew, fil-Birgu, fil-Qrendi u fil-Mellieħa. Uħud minn dawn għadhom jeżistu, anke jekk diversi minnhom reġgħu ġew mibnija mill-ġdid. Interessanti kemm kienet qawwija l-qima u l-imħabba lejn Santa Katarina fin-naħat tagħna li minbarra l-Knisja Parrokjali tagħna, Santa Katarina kienet meqjuma f'numru sabiħ ta' kappelli ddedikati lilha; f'tal-Baqqari, Ħal Lew (Qrendi), tat-Torba (il-Qrendi wkoll), l-Imqabba, Bir Miftuħ u l-Gudja, kollha tista' tgħid tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minn xulxin!



Ir-Relikwija ta' Santa Katarina V.M.

Ir-reliġjużi wkoll saqqew din l-imħabba lejn Santa Katarina f'pajjiżna, l-aktar il-patrijiet Dumnikani li sew fil-Knisja ta' Portu Salvu l-Belt u sew fil-Knisja tal-Madonna ta' l-Għar fir-Rabat, iddedikaw altar lil Santa Katarina ta' Lixandra.

Ikompli fit-2 Edizzjoni...